

31994L0055

12.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 319/7

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/55/KE**tal-21 ta' Novembru 1994****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

dan ix-xkiel regoli uniformi applikabbli f'kull trasport intra-Komunitarju jridu jiġu definiti;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikolu 75 tiegħu,

- (4) Billi azzjoni ta' din in-natura trid titwettaq fuq livell Komunitarju sabiex tkun assicurata l-konsistenza ma leġislazzjoni Komunitarja oħra, sabiex livell soddisfaċenti ta' armonizzazzjoni għall-faċilitazzjoni taċ-ċaqliq ħieles ta' merkanzija u ta' servizzi jkun assigurat u sabiex jiġi assigurat livell għoli għall-operazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali tat-trasport;

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Jaġixxi bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat ⁽³⁾,

- (5) Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma min-għajr preġudizzju għall-impenn tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha, bi qbil ma' l-għanijiet stipulati permezz ta' l-Aġenda 21, il-Kapitolu 19, fil-konferenza KĠMAZ ta' Ġunju 1992 f'Rio de Janeiro, għall-armonizzazzjoni futura ta' sistemi għall-klassifikazzjoni ta' sostanzi perikolużi;

- (1) Billi, matul is-snin, kemm it-trasport nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bit-Triq żdiedu b'mod sinifikanti, b'żieda fil-perikoli fil-każ ta' inċident;

- (6) Billi m'hemm l-ebda leġislazzjoni Komunitarja li tkopri l-kondizzjonijiet ta' sigurtà li permezz tagħhom aġenti bioloġiċi u mikro-organiżmi modifikati ġenetikament, irregolati permezz tad-Direttivi tal-Kunsill 90/219/KEE ⁽⁴⁾, 90/220/KEE ⁽⁵⁾ u 90/679/KEE ⁽⁶⁾, iridu jiġu ttrasportati;

- (2) Billi l-Istati Membri kollha ħlief l-Irlanda huma Partijiet Kontraenti tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bit-Triq (FPT), li l-applikazzjoni ġeografika tiegħu testendi "l barra mill-Komunità u li tistipula regoli uniformi għas-sigurtà fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bit-Triq; billi huwa għalhekk mixtieq li dawn ir-regoli jiġu estiżi sabiex ikopru t-traffiku nazzjonali sabiex il-kondizzjonijiet li taħtom merkanzija perikoluża jiġu ttrasportati jiġu armonizzati;"

- (7) Billi din id-Direttiva tieħu kont ta' politika Komunitarja oħra fis-setturi tas-sigurtà tal-ħaddiem, kostruzzjoni ta' vetturi u l-protezzjoni ta' l-ambjent;

- (3) Billi l-leġislazzjoni Komunitarja ma tkoprix il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi assicurata s-sigurtà fit-trasport ta' merkanzija perikoluża u l-miżuri rilevanti nazzjonali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi dawk id-diverġenzi huma xkiel għall-forniment ta' servizzi ta' trasport b'xejn u, barra minn dan, għaċ-ċaqliq ħieles ta' vetturi u ta' apparat għat-trasport; billi sabiex jinqed

- (8) Billi l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jirregolaw kull operazzjoni għat-trasport ta' merkanzija perikoluża mwettqa fit-territorju tagħhom minn vetturi mhux koperti mid-Direttiva independentement minn fejn tkun irreġistrata l-vettura;

- (9) Billi l-Istati Membri jridu jkun jistgħu japplikaw regolamenti speċifiki dwar it-traffiku fit-toroq għat-trasport ta' merkanzija perikoluża fit-territorju tagħhom;

⁽¹⁾ ĠU C 17, ta' l-20.1.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠU C 195, tat-18.7.1994, p. 15.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 1994 (ĠU C 205, tal-25.7.1994, p. 54), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 1994 (ĠU C 301, tas-27.10.1994, p.25) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 1994 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15.

⁽⁶⁾ ĠU L 374, tal-31.12.1990, p. 1.

- (10) Billi l-Istati Membri jridu jkunu jistgħu jżommu l-ħtiġijiet tagħhom dwar il-kontroll tal-kwalità fir-rigward ta' xi operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali sakemm il-Kummissjoni tirraporta lejn il-Kunsill dwar dawn il-materji;
- (11) Billi d-dispożizzjonijiet tal-FPT jawtorizzaw il-konklużjoni ta' ftehim li jdderoga minnhom, u billi n-numru kbir tal-ftehim konkluż bilaterament bejn l-Istati Membri huwa ta' xkiel għal-forniment b'xejn ta' servizzi ta' trasport ta' merkanzija perikoluża; billi l-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa fl-Annessi ta' din id-Direttiva għandhom jisuperaw il-ħtieġa ta' dawk id-derogazzjonijiet; billi jrid ikun hemm żmien tranżitorju li fih l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw il-ftehim li hemm bejniethom;
- (12) Billi huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-FPT jiġu kkupjati fil-liġi Komunitarja, inklużi l-ħtiġijiet dwar il-produzzjoni ta' vetturi li jittrasportaw merkanzija perikoluża; billi, f'dan il-kuntest, irid ikun hemm żmien tranżitorju sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu temporanjament dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi dwar il-ħtiġijiet tal-produzzjoni għal vetturi rreġistrati nazzjonalment;
- (13) Billi l-proċeduri ta' l-informazzjoni li hemm fis-settur tal-proposti leġiżlattivi nazzjonali jridu jintużaw sabiex tiżdied it-trasparenza għall-operaturi ekonomiċi kollha;
- (14) Billi fir-rigward ta' trasport nazzjonali, l-Istati Membri jridu jżommu d-dritt li japplikaw regoli li jħarsu r-Rakkomandazzjonijiet multimodali tal-Ġnus Maqgħuda dwar it-Trasport ta' Merkanzija perikoluża, sa fejn il-FPT m'għadhiex armonizzata ma' dawk ir-regoli, li l-iskop tagħhom huwa li jiffaċilitaw it-trasport inter-modal ta' merkanzija perikoluża;
- (15) Billi l-Istati Membri jridu jkunu jistgħu jirregolaw jew jipprojbixxu t-trasport bit-Triq ta' merkanzija perikoluża fit-territorji tagħhom, iżda għal raġunijiet li m'humix dwar is-sigurtà fit-trasport; billi f'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dritt fil-każ ta' xi trasportazzjoni ta' sostanzi perikolużi ħafna li jimponu l-użu ta' trasport bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew jistgħu jżommu ppakkjettar speċifiku ħafna għal xi sostanzi perikolużi ħafna;
- (16) Billi għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jridu jkunu jistgħu japplikaw regoli eħrex jew inqas ħorox għal xi operazzjonijiet ta' trasport imwettqa fit-territorji tagħhom permess ta' vetturi rreġistrati hemm-hekk;
- (17) Billi l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet trid tikkunsidra ċirkostanzi nazzjonali speċjali u għalhekk din id-Direttiva trid tkun flessibbli biżżejjed fil-fornimnet lejn l-Istati Membri tal-possibbiltà ta' l-għotja ta' xi derogazzjonijiet; billi l-applikazzjoni ta' żviluppi teknoloġiċi u industrijali ġodda ma tridx tkun mfikkla u dispożizzjoni għandha għalhekk issir għal derogazzjonijiet temporanji;
- (18) Billi vetturi rreġistrati fi stati mhux membri jridu jithallaw iwettqu trasport internazzjonali fit-territorji ta' l-Istati Membri jekk ikunu konformi mal-FPT;
- (19) Billi għandu jkun possibli l-adattazzjoni ta' malajr ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku, sabiex jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet ġodda fil-FPT u sabiex ikun deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u l-implementazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' aċċidenti jew ta' inċidenti; billi jrid ikun stabbilit kumitat għal dak il-għan u trid tkun stabbilita proċedura għall-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dak il-kumitat;
- (20) Billi l-Annessi ta' din id-Direttiva għandhom dispożizzjonijiet li jkopru t-taħriġ vokazzjonali ta' xi sewwieqa ta' vetturi li jittrasportaw merkanzija perikoluża bit-Triq; billi, għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 89/684/KEE tal-21 ta' Diċembru 1994 dwar it-taħriġ vokazzjonali għal xi sewwieqa ta' vetturi li jgħorru merkanzija perikoluża bit-Triq ⁽¹⁾ għandha titħassar,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-Triq fl-Istati Membri jew bejniethom. Ma

⁽¹⁾ ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 33.

għandix tapplika għat-trasport ta' merkanzija perikoluża minn vetturi tal-forzi armati jew taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

2. Din id-Direttiva m'għandix, b'dana kollu, taffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri, wara kunsiderazzjoni xierqa tal-liġi Komunitarja, li jistipulaw ħtiġijiet rigward:

- (a) it-trasport nazzjonali u internazzjonali ta' merkanzija perikoluża fit-territorji tagħhom imwettqa minn vetturi mhux koperti minn din id-Direttiva,
- (b) regolamenti dwar it-traffiku bit-Triq speċifiċi għat-trasport nazzjonali u internazzjonali ta' merkanzija perikoluża;
- (c) kontrolli ta' kwalita' fuq impriżi, b'mod konformi ma' l-istandards ta' l-ISO 9001 u 9001, meta jitwettqu operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport li jinvolvu:
 - (i) sostanzi splussivi u l-artikoli fi Klassi 1, meta l-ammont ta' sostanza splussiva għal kull unit ta' trasport huwa akbar minn:
 - 1 000 kg għal kull diviżjoni 1.1, jew
 - 3 000 kg għal kull diviżjoni 1.2, jew
 - 5 000 kg għal diviżjonijiet 1.3 u 1.5;
 - (ii) is-sostanzi perikolzi ħafna segwenti f'tankijiet jew f'kontenituri tat-tankijiet b'kapaċità totali li taqbeż it- 3 000 litri:
 - sostanzi fi Klassi 2
 - gass ikklassifikat taħt (at)
 - (bt)
 - (b)
 - (ċt)
 - (ċ)
 - gassijiet likwifikati mkessħin fil-fond ta' 7° (b) u 8° (b),
 - sostanzi fi Klassi 3, 4.1, 4.2, 4.3, 5.1, 5.2, 6.1 u 8
 - mhux elenkati taħt (b) jew (c) f'dawk il-klassijiet, jew
 - elenkati hemm iżda b'kodiċi ta' perikolu bi tliet numri jew aktar (iż-żerojiet m'humiex inklużi);
 - (iii) il-pakketti li ġejjin ta' Klassi 7 (materjali radjuattivi): pakketti ta' materjali fissjonabbli, pakketti ta' tip B (U), pakketti ta' tip B (M).

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar dawn il-ħtiġijiet ma tistax tiġi estiża.

Id-dispożizzjonijiet involuti ma jkomplux japplikaw jekk miżuri simili jsiru obligatorji permezz tad-dispożizzjonijiet Komunitarji.

Qabel il-31 ta' Diċembru 1998 il-Kummissjoni għandha tissottometti lejn il-Kunsill rapport li jagħmel estimi ta' l-aspetti ta' sigurtà koperti minn din id-dispożizzjoni flimkien ma' proposta xierqa għall-kontinwazzjoni jew tħassir tagħha.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- “il-FPT” tfisser il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bit-Triq, konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat,
- “vettura” tfisser kull vettura tat-triq maħsub għall-użu fuq it-triq, sħieħa jew mhux sħieħa, li mil-anqas ikollha erba' roti u b'disinn għal veloċità massima li teċċedi l-25 km/s, u l-karrijiet tagħha u, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jiġru fuq linji, u ta' tratturi agrikoli u forestali u kull makkinarju mobili,
- “merkanzija perikoluża” tfisser dawk is-sostanzi u artikoli li t-trasport tagħhom fuq it-triq hija pprojbata jew awtorizzata biss f'ċerti ċirkostanzi mill-Annessi A u B ta' din id-Direttiva,
- “trasport” tfisser kull operazzjoni ta' trasport fuq it-triq imwettqa minn vettura, kollha kemm hi jew parti minnha, fuq toroq pubbliċi fit-territorju ta' Stat Membru, inkluża l-attività tat-tgħabbija u tal-ħatt, koperti mill-Annessi A u B, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti stipulati mill-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà fir-rigward ta' dawk l-operazzjonijiet.

M'għandix tinkludi trasport imwettaq kollu kemm hu fil-perimetru ta' żona magħluqa.

Artikolu 3

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, merkanzija perikoluża li t-trasport tagħha huwa pprojbit mill-Annessi A u B ta' din id-Direttiva m' għandix tkun ttrasportata bit-Triq.

2. Sakemm mhux stipulat mod ieħor f'din id-Direttiva, it-trasport ta' merkanzija perikoluża oħra elenkata fl-Anness A għandha tkun awtorizzata sakemm tkun konformi mal-kondizzjonijiet imposti fl-Annessi A u B, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) l-ippakkjar u l-ittekkettjar tal-merkanzija involuta; u

(b) il-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-operazzjoni tajba tal-vettura li ġgħorr il-merkanzija involuta.

II-KAPITOLU II

Derogi, restrizzjonijiet u eżenzjonijiet*Artikolu 4*

Għall-iskopijiet ta' operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali mwettqa minn vetturi rreġistrati fit-territorju tiegħu biss kull Stat Membru jista' jżomm id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tiegħu dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-Triq li huma konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda dwar it-Trasport ta' Merkanzija perikoluża sakemm l-Annessi A u B ta' din id-Direttiva jiġu riveduti biex jirreflettaw dawk irakkomandazzjonijiet. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kif xieraq.

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għall-leġislazzjoni Komunitarja oħra, b'mod partikolari dik dwar l-aċċess għas-suq, kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt, strettament għal raġunijiet apparti mill-għas-sigurtà waqt it-trasport, per eżempju raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ta' protezzjoni ta' l-ambjent, li jirregola jew jipprojbixxi t-trasport ta' ċerta merkanzija perikoluża fit-territorju tiegħu.

2. Kull regola mposta minn Stat Membru fuq vetturi li jwettqu trasport internazzjonali fit-territorju tiegħu u awtorizzati mill-Marginal 10 599 ta' l-Anness B għandhom ikunu l-limitati fl-iskop lokali, għandhom ikunu japplikaw kemm għal trasport nazzjonali u internazzjonali u ma jistgħux jirriżultaw għal xi diskriminazzjoni.

3. (a) Kull Stat Membru jista' japplika dispożizzjonijiet eħrex li jikkonċernaw it-trasport, bl-eċċezzjoni ta' ħtiġijiet ta' kostruzzjoni, imwettqa minn vetturi rreġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu.

(b) L-Istati Membri jistgħu, b'dana kollu, jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi dwar iċ-ċentri ta' gravità ta' vetturi bit-tankijiet irreġistrati fit-territorji tagħhom sakemm l-emenda, jekk ikun hemm waħda, tal-Marginal 211 128 ta' l-Anness B ta' din id-Direttiva, iżda mhux, f'kull każ, wara l-31 ta' Diċembru 1998.

4. Jekk Stat Membru jikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ta' sigurtà applikabbli mhumiex biżżejjed, fl-okkażżjoni ta' aċċident jew ta' inċident, biex jillimitaw il-perikoli involuti fit-trasport u jekk hemm il-ħtieġa urġenti li tittieħed xi azzjoni, għandu jinnnotifika lill-Kummissjoni, fl-istadju ta' l-ippjannar, tal-miżuri li jipproponi li jieħu. B'azzjoni konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk l-implementazzjoni ta' dawk il-miżuri għandhom ikunu awtorizzati u tiddetermina kemm għandhom idumu.

5. L-Istati Membri jistgħu jżommu kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali applikabbli fil-31 ta' Diċembru 1996 fir-rigward ta':

- it-trasport ta' sostanzi fil-Klassi 1.1,
- it-trasport ta' gassijiet tossiċi, gassijiet li m'humiex stabbli u/jew li jistgħu jaqdbu fil-Klassi 2,
- it-trasport ta' sostanzi li għandhom diossini jew furani,
- it-trasport f'tankijiet jew f'kontenituri bit-tankijiet ta' aktar minn 3 000 litri ta' likwidi tal-Klassijiet 3, 4.2, 4.3, 5.1, 6.1 jew 8 li ma jidhrux taħt (b) u (c) f'dak il-klassijiet.

Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkonċernaw biss:

- il-projbizzjoni ta' dawk l-oprazzjonijiet ta' trasport meta jistgħu jitwettqu bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni,
- ħtieġa li jsegwu xi rottot preferiti,
- kull dispożizzjoni oħra dwar l-ippakkjar ta' sostanzi li għandhom diossini jew furani.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħu jiġu estiżi jew isiru eħrex. L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali lejn il-Kummissjoni, li trid tinforma lill-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

Artikolu 6

1. Kull Stat Membru jista' jawtorizza t-trasport bit-Triq fit-territorju tiegħu ta' merkanzija perikoluża klassifikati, ippakkjati u ttikkjettati b'mod konformi mal-ħtiġijiet internazzjonali tat-trasport marittimu jew bl-arja kull meta l-operazzjoni tat-trasport tinvolvi vjaġġ fuq il-baħar jew bl-ajru.

2. Kwalunkwe dispożizzjonijiet fl-Annessi A u B dwar l-użu ta' lingwi fl-immakar rilevanti jew fid-dokumentazzjoni ma jridux japplikaw għal-operazzjonijiet ta' trasport ikkonfinati fit-territorju ta' Stat Membru wieħed. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' lingwi oħra apparti minn dawk li hemm provvediment dwarhom fl-Annessi għal operazzjonijiet tat-trasport imwettqa fit-territorji tagħhom.

3. Fit-territorju tiegħu kull Stat Membru jista' jawtorizza l-użu ta' vetturi kkostruwiti qabel l-1 ta' Jannar 1997 li ma humiex konformi ma din id-Direttiva, iżda li kienu ġew kostruwiti b'konformità mal-ħtiġijiet nazzjonali eżistenti fil-31 ta' Diċembru 1996 basta li dawk il-vetturi jinżammu fil-livelli ta' sigurtà meħtieġa.

4. Kull Stat Membru jista' jżomm dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1996 dwar il-kostruzzjoni, l-użu u l-kondizzjonijiet ta' trasport ta'

reċipjenti ġodda fis-sens tal-Marginal 2 212 ta' l-Anness A u tankijiet ġodda li ma humiex konformi mal-Annessi A u B, sakemm referenzi għall-istandards għall-konstruzzjoni u għall-użu ta' tankijiet u reċipjenti bl-istess rabta tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu miżjuda mal-Annessi A u B u fl-ebda każ mhux aktar tard mil-31 ta' Diċembru 1998. Reċipjenti u tankijiet konstruwiti qabel l-1 ta' Jannar 1999 u miżmuma fil-livelli ta' sigurtà meħtieġa jistgħu jkomplu jintużaw taħt il-kondizzjonijiet oriġinali.

5. Kull Stat Membru jista' jżomm dispożizzjonijiet nazzjonali barra minn dawk stipulati fl-Annessi A u B fir-rigward tar-referenza tat-temperatura għat-trasport fit-territorju tiegħu ta' gassijiet likwifikati jew taħlit ta' gassijiet likwifikati sakemm dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw ir-referenza tat-temperaturi għal żoni klimatiċi speċifikati jkunu inkorporati fl-istandards Ewropej u referenzi għal dawk l-istandards jiġdiedu ma' l-Annessi A u B.

6. Kull Stat Membru jistgħu jħalli l-użu, għat-trasport fit-territorju tiegħu, ta' ippakkjar ikkonstruwit iżda mhux iċċertifikat b'mod konformi mal-FPT qabel l-1 ta' Jannar 1997 sakemm dak l-ippakkjar juri d-data tal-produzzjoni u jista' jgħaddi t-testijiet stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ l-31 ta' Diċembru 1996 u sakemm dak l-ippakkjar kollu jinżamm fil-livelli ta' sigurtà rilevanti (inklużi l-ittestjar u l-ispezzjoni fejn huma meħtieġa), b'mod konformi ma' l-iskema li ġejja: kontenituri metalliċi intermedjari għal-massa u tankijiet tal-ħadid li jeċċedu kapacià ta' iktar minn 50 litru, sa' 15-il sena wara d-data tal-manifattura tagħhom; ippakkjar metalliku ieħor, sa ħames snin wara d-data tal-manifattura ippakkjar metalliku u l-ippakkjar tal-plastik kollu, sa ħames snin wara d-data tal-manifattura iżda mhux wara l-31 ta' Diċembru 1998.

7. Kull Stat Membru jista' jħalli t-trasport fit-territorju tiegħu ta' xi merkanzija perikoluża ippakkjati qabel l-1 ta' Jannar 1997 sal-31 ta' Diċembru 1998, basta li l-merkanzija huma kklassifikati, ippakkjati u ittikkjettati b'mod konformi mal-ħtiġijiet ta' leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 1997.

8. Kull Stat Membru jista' jżomm id-dispożizzjonijiet ta' leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1996 dwar il-wirja ta' kodiċi ta' azzjoni ta' emerġenza minflok in-numru ta' identifikazzjoni ta' perikolu stipulat fl-Anness B għal operazzjonijiet ta' trasport imwettqa fit-territorju tiegħu minn veturi reġistrati fdak it-territorju.

9. Kull Stat Membru jista', wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, iżomm dispożizzjonijiet inqas stretti minn dawk stipulati fl-Annessi A u B ta' din id-Direttiva għat-trasport fit-territorju tiegħu ta' ammonti żgħar ta' xi sustanzi perikolużi, bl-eċċezzjoni ta' sostanzi li għandhom livell medju jew għoli ta' radjuattività.

10. Sakemm is-sigurtà ma tkunx kompromessa, l-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi temporanji mill-Annessi A u B għall-iskop tat-twettiq fit-territorji tagħhom tal-provi meħtieġa qabel l-emendi ta' dawk l-Annessi sabiex jiġu addatti għall-iżviluppi teknoloġiċi u industrijali. Il-Kummissjoni għandha tkun avżata dwar dan u għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

Deroga temporanja miftehma bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fuq il-bażi tal-Marġinali 2 010 u 10 602 ta' l-Annessi A u B iridu jieħdu l-forma ta' ftehim multilaterali proposti lejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha mill-awtorità li tiegħu l-inizzjattiva fir-rigward tal-ftehim. Il-Kummissjoni għandha tkun informata kif xieraq.

Kull derogazzjoni bħal dawk imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandha tkun applikata mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità jew il-post ta' l-istabbiliment tal-fornitur, tal-burdnar jew tal-persuna li tirċievi; dawn jistgħu jdumu sa' ħames snin u ma jistgħux jiġġeddu.

11. Kull Stat Membru jista' jawtorizza trasporti singoli ta' merkanzija perikoluża li jew huma pprojbiti mill-Annessi A u B jew imwettqa taħt kondizzjonijiet differneti minn dawk stipulati fl-Annessi A u B.

12. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, kull Stat Membru jista' sa' l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 1998 japplika ftehim istenti ma' Stati Membri oħra li jkunu konformi mal-FPT, mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità jew minħabba l-post ta' stabbiliment tal-fornitur, burdnar jew tal-persuna li qed tirċievi. Kull derogazzjoni oħra awtorizzata mill-Marġinali 2 010 u 10 602 ta' l-Annessi A u B għandha tkun konformi mal-paragrafu 10.

Artikolu 7

Soġġett għad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew Komunitarji dwar l-aċċess fis-suq, veturi rreġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni f'pajjiżi mhux membri jridu jiġu awtorizzati li jwettqu t-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża fil-Komunità jekk it-trasport involut ikun konformi mal-FPT.

II-KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 8

L-emendi meħtieġa għall-addattazzjoni ta' l-Annessi A u B għall-progress xjentifiku u tekniku fis-setturi koperti minn din

id-Direttiva biex jittieħed akkont ta' l-emendi għall-Annessi tal-FPT iridu jkunu addottati b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 9.

Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża, minn hawn "l quddiem irriferut bħala 'il-Kumitat', li jrid jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni."

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni fuq l-abbozz f'terminu ta' żmien li l-president jista' jistpula skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni trid tingħata mill-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikunu mgħobbija bil-mniera kif stabbilita f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk dawn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Meta l-miżuri proposti ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew fin-nuqqas ta' xi opinjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tippreżenta lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk il-Kunsill ma jkun aġixxa fi żmien tlett xhur mid-data tar-referenza lejn il-Kunsill, il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri proposti.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1997. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri dawn għandhom jinkludu referenzi jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenzi bħal dawk fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-mod kif dik ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 11

1. Id-Direttiva 89/684/KEE hija b'dan imħassra mit-terminu taż-żmien għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġislazzjoni nazzjonali.

2. Ċertifikati proviżorji maħruġa mill-Istati Membru bi qbil ma' l-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva għat-trasport nazzjonali biss għandhom jibqgħu jgħoddu sal-31 ta' Diċembru 1996. Ċertifikati maħruġa bi qbil ma' l-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva jistgħu jkomplu jintużaw sat-tmien tal-perijodu tal-validità tagħhom, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1997 għal merkanzija perikoluża trasportata f'tankijiet jew għal splussivi u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2000 għal merkanzija perikoluża oħra.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Novembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

M. WISSMANN

L-ANNEX A

Il-Marġinali 2 000 sa' 3 999 ta' l-Anness A għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bit-Triq (FPT), b'effett mill-1 ta' Jannar 1995, "Stat Membru" jitbiddel minn "Parti Kontraenti".

NB: Verżjonijiet f'kull lingwa uffiċjali tal-Komunità iridu jiġu ppubblikati malli test ikkonsolidat u t-traduzzjonijiet jitlestew.

L-ANNEX B

Il-Marġinali 10 000 sa' 260 999 ta' l-Anness B għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bit-Triq (FPT), b'effett mill-1 ta' Jannar 1995, "Stat Membru" jitbiddel minn "Parti Kontraenti".

Verżjonijiet f'kull il-sien uffiċjali tal-Komunità iridu jiġu ppubblikati malli test ikkonsolidat u t-traduzzjonijiet jitlestew.
